# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.

Direttur: is Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIEŇI SENA. IT-TLIETA, it-18 TA FRAR, 1913. NRU. 54.

*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## L'aħħar chelma

Sur Direttur,

L'aħħar li ctibtlec, għidtlec li magħ *Leo Nardo* ma 'rridx nitlef żmien iżjed; imma issa, ŭara dac li hu chiteb fl'aħħar ħarġa tas-*Salib* (8 ta Frar) ingħidlec li ankas ma 'rrid icolli x'naksam miegħu. Għax il ħila u'l ŭiċċ li għandu jakleb cliemec, biex iġagħlec tgħid dac li ankas ma tcun ħlomt bih, giebuli għajnejja ŭara. Chellu raġun igħid għalija: «*jirrifletti chif jaf hu*» ; għax ngħaŭŭeġ il cliem bħalu ma nafx, u da'x-xogħol katt ma għamiltu. Din hi is-*serjetà* li jippriedca hu? Din hi l'*onestà* li ftaħar biha *Aulo Metellio?* Fejn li jiena għidt, li is-*Salib* tà għajn ħażina «*ghaliex il questioni tal malti ma tidholx fil kasam tieghu*»? Li tà għajn ħażina għidtu u nissocta ngħidu; imma fuk li kal fuk il chittieba tal *Habib*, li «*iridu quasi quasi jisserveu b'giurnali taht il mant tar-Religion*». Fejn li «*jen ridt nkieghed f'fomm Leo Nardo cliem li hu ma kalx*»? Dan li għidt jien: «Għaliex *Leo Nardo* igħajjar mux *serju* lil *Ħabib*»?; u dan li chien kal hu kabel: «*is-sur Taljaferru jecc irid jitchellem... ghandu jittratta... f'*XI GIURNAL VERAMENT SERIU *u bil lsien seriu*, U MUX FUK IL HABIB...». «*Anchi il ghomi*—ngħid bil cliem ta *Leo Nardo—jarauh dan*», li cliem barra milli kal hu jien f'fommu ma kegħdtlux. Meta li jien għidt, li «il *Habib jista u ma jistax icollu x'jaksam fuk il pulitca*»? Jien għidt, li «il *Ħabib* fil *pulitca* ma iridx icollu x'jaksam», u la iżjed u la ankas, u li «jecc *Leo Nardo* jogħġbu iħakkakha mgħal Prof. Tagliaferro fuk il lsien malti, f'idejh». Għaliex jecc il qŭistjoni tal malti ma hix għal *Leo Nardo* ħlief «*questioni totalment pulitca*», għal bosta oħrajn hija ucoll *letterarja*, bħalma ureŭ bil cotba tagħħom bosta għorrief maltin ; u għal dac li huma chitbu ħadd ma kabeż kal, bħalma *Leo Nardo* għal *articlu* tas-sur Tagliaferro, li «*chien collu maghmul sabiex jibaxxa il lingua ta l'educazioni taghna, tal fidi taghna...*» jeŭ li meta għamlu hecc, «*chienu kieghdin ighidu bosta hmerijet u iueggiu is-sentimenti tal popolazioni maltia intelligenti*». U *Leo Nardo* għarak f'xiber ilma, ma għarafx «*chif jakbad jirrispondini, bic-ciait jeu bis-serietà*», meta jien ħallejt f'idejh li jaraha mgħas-sur Tagliaferro fuk il lsien malti, imma mingħajr ma idaħħal il *Habib fil pulitca*, għax barra mill kasam tal ġurnal tagħna.

Xi tgħidli mbagħad, għal da'l cliem ta *Leo Nardo*: «*Lil Dun Paul, intelligenti*, għad li il ħŭejjeġ li kal *colla fantasii, li iridha il pulitca, imma meta u chif iridha hu, naugurazlu li icompli dejjem irid il pulitca retta u sinciera, chif jitlob il pajjis taghna, u b'hecc— bil fatti u m'hux bil cliem—icun keghd jaghmel opra taiba?* Jien jeŭ *Leo Nardo* «*jisthailu li kieghed kuddiem il banchijet ta xi scola jati u jimponi l'ordnijet lil l'isculari*» ? Jien jeŭ hu «*jindahal fein ma jesghux*»? Jecc *Leo Nardo* ried jindaħlilna fil *cunxenza*, jien chelli il jedd collu ngħidlu jilħak għasstu u ikis il ma jindaħalx fejn ma jesugħx: għax din biċċa t'Alla, li jakra' fil kalb tal bniedem. *De internis Deus judicat*. (Milli nista' nakbad hu il latin jifhmu). Imma għal dic li hi *pulitca*, u la jien u la hu ma għandna il jedd li «*nimponu il volontà*» ta ŭieħed lil ieħor.

Haŭn nakta' nħakkakha magħ *Leo Nardo* u nispiċċa il *polemica* li kbadt miegħu. Di'l chelma *Leo Nardo* ma igħidx għaliha «*x'inhi cherha donna xi ħalfa*». Hecc kalet ucoll il *volpi* għal għeneb li ma laħkitux ; li chien kares.

Saħħa għalic, maħbub Direttur.

DUN PAŬL.

Il Belt, 11 ta Frar, 1913

*Ŭara li cont ctibt.*— Il cliem ta *Leo Nardo* gibtu chif chitbu hu, u mux chif għandu icun mictub; u'l cliem taljan ma biddiltulux fi cliem malti, għad li għal «*karrejja bil malti biss*» chien ŭisk meħtieġ, għax bżajt li *Leo Nardo* jeħdu b'*ħalf* u cliem ħażin ; għad li m'jiniex ta hecc, jecc jgħoġbu. Għaliex «*il margariti u il biscutini*» meta jiftillu jaħlihom hecc mgħal...«*popolin*».

## Issa biż-żejjed.

Il Professur Napuljun Tagliaferru, I.S.O., u *Dun Paŭl* (Monsinjur Canôncu Galea, J.C.D.), li chienu il ŭieħed Direttur tal Università u l'ieħor Rettur tas-Seminarju, fejn ħalleŭ isem tajjeb li katt ma jintisa, żeŭġ Chittieba għorrief u fuk collox nies bla tebgħa, għamlu ħafna *reclame* lis-*Salib*, b'dac li ŭieġbu lis-Sinjuri *Leo Nardo* u *Aulo Metellio*! U daŭn sâbu-ruħhom f'ŭisgħa cbira, jaktgħu mil ħajt chif giè giè u igħidu li jiftlilhom, *bil mascra f'ŭiċċhom* u bir-*reclame* ta żeŭġ persunaġġi bħal daŭc, li ma stmerreŭx minnhom! Aħna, minn għalina, il mascri nistmerruhom! Mela, biż-żejjed: ir-*reclame* saret: u il *Habib*, li m'hux *biċċa carta stampata* biss, imma għandu dmirijet għôljin u imkaddsa x'jilħak, jaħtieġlu jitfa ŭara spallejħ l'inbix għajjur ta min jistħi juri ŭiċċu, biex jibka jaħdem għan-nies tas-snajja u għal daŭc collha li għandhom il *għatx tad-daŭl* u iridu jixorbuħ mil *għajn tal ħajja*, bħalma ħadem dejjem mn'issa l'ura. Għax il *Habib* m'hux *Cicero pro domo sua*, chif kâl m'ilux ŭieħed...*cbir*.... fil mera tiegħu: imma jakbeż u iħabrec għall gid ta għajru; u chemm nies imiddu idejhom fiħ (mid-Direttur u l'Amministratur sal ankas ŭieħed) ħadd, ħlief li Stampatur u in-nies tiegħu, ma jitħallas ma xogħlu, anzi cull-ħadd joħroġ xi ħaġa minn butu; u il klieħ li jibka imur collu, sal inkas ħabba, fil *Caxxa tal Unjoni Cattolica* (mibgħuda għall meŭt minn xi *Pulitici* msadd'da), biex dejjem titħaxxen actar u tiflaħ tagħmel tajjeb għall għajnuna tal ħaddiema u tan-nies tas-snajja li jimirdu, jeŭ icorru fix-xogħol, jeŭ isibu-ruħhom kiegħdin b'familja batuta.

Hecc il *Habib*, barra mil ftuħ tal għajnejn u tal imħuħ b'dac li jictbu fiħ Chittieba mill'aħjar fuk cull xorta ta tagħlim, igħin ucoll il fkir u ir-ragel tax-xogħol bi flusu— jigifieri, bil *lingŭa sêrja* ta LEO NARDO, *jissomministra ajjut morali u materjali lid-derelitti nazzjonali*! Eħ, li chiecu is-*serietà* chienet kiegħda fil cliem biss, ĊANU ma chienx jiġrilu dac li ġralu!

..........

Ma-dan-collu, bħalma *Aulo Metellio*, jecc

hu *scrittur sêrju*, ma ghandux ghax jiftaħ actar ħalku, anzi, *onestament*, ghandu jatiruħu b'mirbuħ, chif jaghmlu il güerrieri il cbar, ghax *Dun Paŭl* urieħ b'cotra ta xhiediet u ta ġrajja chemm il *Ħabib*, barra milli hu *Religjus*, hu *Patriotticu* — u ghal daŭn ir-ragjunijet, fuku ma nitchellmux iżjed; hecc ucoll issa il qŭistjoni li kajjem *Leo Nardo*—jigifieri *jecc il* LSIEN MALTI *hux tajjeb biex jitħaddet fuk il* LSIEN MALTI—tidħcux, dan hu li ried ighid— marret fixxejn: jeŭ, chif nghidu aħjar b'dan ilsien imżeblaħ minn min ma jafux, mietet fuk ommha! U il balla, gheżież Karrejja tal *Ħabib*, ŭakghet fukcom—biex niftehmu seŭŭa, fukcom il Karrejja ħaddiema u tas-snajja, li *Leo Nardo* ghażilcom mil karrejja l'oħra taghna bl'isem kâres ta *Popolinu*, nghidu aħna *Nies ĉraret*! Ghax dan *Leo Nardo*—*Patriott* chif jakbillu, li jitfa il gebla u jaħbi idu—marsus b'daħru mal ħajt mir-ragjunijet cbar u kaŭŭija ta *Dun Paŭl* u tal Professur Tagliaferru, ftacar li hemm kaŭl taljan ighid: *Fir-riefnu iċ-ĉraret itiru mal ajru*! U, ŭara ħafna cliem, cliem, cliem u xejn iżjed—ŭara li paċpaċ ħafna, *bla ma gharaf ifisser ghaliex*, li «IL MALTI MA HUX IL LSIEN (li żbalji tieghu) VERAMENT SERJU SABIEX TIDDISCUTI BIH SOGGETTI GHOLJIN» —raġa laghak dac li chien beżak, jeŭ nesa ghal-collox x'chien paspar ftit kabel, u *canta* bħal *Confiteor* ġdid, fejn kâl: «Nispera li dan iservi b'dichiarazioni u bi spiegazioni ciara ta chif semmeit il chelma serietà.... Jen la ghedt li il *Habib* mux seriu, la ghedt li l'iscritturi tighu ma humiex serii, la ghedt li il chitba tighu ma hix seria, l'ankas ma ghedt li il *Habib* ma hux seriu ghax jinchiteb bil malti....Jena ghedt semplicement dan: illi is-Sur Tagliaferro jecc irid jitchellem fuk il questioni taghna tal lingua u irid li uihed jirrispondieh, ghandu jittratta questioni hecc importanti *f'xi giurnal verament seriu u bil lsien serju*....» Niekfu haŭn, fuk din il *contraddizjoni* li tŭaħħax it-tfal *fuk il banchijet ta li scola*!

Chif kieghdin taraŭ, cull-ħadd sêrju: il *Ħabib* sêrju, il Chittieba tieghu sêrji, id-Direttur sêrju ucoll (la jitħalltu mieghu Chittieba sêrji), il lingŭa sêrja, il chitba bil Malti sêrja ...cull-ħadd sêrju!

Mela, min m'hux sêrju, chif irid ighid *Leo Nardo*? Intom, intom biss, o Karrejja ħaddiema u tas-snajja, ghax il biċċa il cbira mincom *dghajjfin, poplu baxx* u *injuranti*, kâl l'aħħar darba; u illum raġa żiedilcom: «Mela xi drabi, ghal chemm il persuna tcun seria, chif ucoll il loc, id-discors, il lingua u is-soggett icunu serii ucoll, tcun tahli ranno e sapone (*jigifieri is-sapun u ir-raghŭa, bħal min jaħsel ras il ħmir*) u titfa margariti (*ġaŭhar*) kuddiem.... (*il kżiekeż, jissocta ighid il proverbju latin*)....u din certament mahix (*li żbalji tieghu*) u ma tista katt tcun serietà....»

Fhimtuha? Scond *Leo Nardo*, intom biss m'inthomx *serji*! Intom biss ma ghandcomx il jedd li nictbulcom fuk il Malti! Intom biss ma ghandcomx tcunu tafu jecc il Malti hu *lingŭa* jeŭ m'hux! Intom biss ma tistghux takraŭ dac li jictbu il Professur Tagliaferru u *Leo Nardo* fuk il *qŭistjoni* tal lsien taghcom stess, ghax (isimghuha tfakka)«ghax bil lsien malti, ma maltin li jakraŭ bil malti biss, ma hemmx serietà tittratta fuk daŭn il questionijet....» jigifieri fuk il qŭistjoni tal lsien li intom tafu ŭisk aħjar minn *Leo Nardo*! Iva: intom biss ghandcom tiġu imŭarrba f'din il qŭistjoni, ghax intom... aħfrulna, jecc sejjrin narġghu ntennu il chelmiet ta *Leo Nardo*, li, chif aħna miġbudin tas-seŭ ghalicom, inħossuhom jaħarkulna xoftejna....ghax intom *dghajjfin, poplu baxx, ħmir* u *kżiekeż*!....

Mhux fil *Ħabib*—jissocta *Leo Nardo*, li Alla jaf min hu—mhux fil *Ħabib* (li hu *sêrju*, u ghandu Direttur *sêrju*, u jictbuħ nies *sêrji*, u il chitba tieghu *sêrja*, imma *jakraŭħ ħafna*.... tafuhom il chelmiet intuscati)—mhux fil *Ħabib*, iżda fil *Gazzetta di Malta* ghandu jicteb il Professur Tagliaferru fuk il lingŭa maltija, jecc irid li jirrispondiħ *Leo Nardo*! U tafu ghaliex?... Din is-sabiħa! Ghax il *Gazzetta di Malta* ilha snin cbar tghajjar il Malti *lingŭa tal cĉina* u *dijalett tal Mandraġġ*! Ghandu ragjun *Leo Nardo* ma iħallatx l'articuli tal *Ħabib* ma tal *Gazzetta di Malta*! Ta dan niżżuħ-ħajr, ghax inkas aħna ma nħalltuhom! Il *Ħabib* m'hux ħlief *Religjus* u *Patriotticu*: u, billi, f'ħajjet Alla, m'hux ucoll *Puliticu*, katt ma casbar mal art il *lingŭa maltija*, li hi biċċa minn ruħ il *Patrja*, biex tghaddi minn fukha u tirfisha il *Pulitica*!

Le: il *qŭistjoni tal lingŭa maltija* ghalina m'hix *pulitica*! Min jafx'in hi seŭŭa il *Pulitica*, min ma nkediex biha biex jasal fejn ŭasal *bla meriti oħra*, min katt ma ħallat li stola mal fażola, jaf u jifhem li il *qŭistjoni tal lingŭa maltija* ghall ĦABIB hi biss *patriottica* u *letterarja*; u maħħa il *Pulitica* ma ghandhiex x'taksam.

Aħna nħobbu it-Taljan daks min iħobbu: u kbiżna dejjem ghaliħ, fil ĦABIB, f'gażetti oħra (ta Malta u ta Barra), fil *Cunsill*, fil *Meetings*, fil *Cumitat Populari*, fl'*Assemblea pro lingua*, cull-imchien: u dejjem żammejniħ u nibkghu dejjem inżommuħ *il lingŭa tal educazzjoni taghna*, li ħadd ma ghandu il jedd jekredhielna minn fejn hi imdaħħla! Jecc *Leo Nardo* nesa x'chiteb *Fra Meliton* fil ĦABIB fuk il *lingŭa taljana*, ħadd ieħor ghadu jiftacru! Imma dan ma ifisserx li tħobb il Malti hu ħaġa ħażina, dan ma ifisserx li il Malti m'hux *lingŭa*, dan ma ifisserx li min ma jafx ħlief bil Malti hu *dghajjef, ħmar* u *każkuż*—dan ma ifisserx (f'liema theŭdin tŭakka il *Pulitica* bħal ta *Leo Nardo*!) *li ma tistax ticteb bil Malti fuk il Malti*!

Haġa ŭaħda hemm bżonn biex ticteb bil Malti fuk il Malti: u jecc icolloc lilha, il chitba tieghec tcun sêrja, ticteb fejn ticteb: hemm bżonn *tcun taf bil Malti tas-seŭ*. Imma il gażiba hi li *Leo Nardo* bil Malti ma jaf xejn! Chiecu jidħol, mal Professur Tagliaferru, fil baħar il cbir tal *Lsien taghna*, il karrejja tas-*Salib* u tal *Ħabib* ma jifhmuħx ŭaħda minn mija: imma is-Sur Ġann Vassall, u il Professur Tagliaferru, u il *Dun Paŭl*, u il Dun Xand Cortis, u il Professur Psaila, u il *Dun Manŭel*, u is-Sur Fons Galea, u is-Sur Levanzin, u il Monsinjur Vella (ta Ghaŭdex) u biex ma ntaŭŭlux il daŭc collha li jinkalghu daksu b'ilsna oħra u jafu tas-seŭ bil Malti, jifhmuhom sal inkas chelma!

Ma ftehmux jakaŭ Dun Duvic Mifsud-Tommasi, u il Canônçu Panzavecchia (mhux il ħaj),u Riccardu Taylor, u il Professur Ġann Anton Vassall, u Monsinjur Pulicin, u Annibale Preca, u il Patri Magri, u Manŭel Carŭana, u fost il ħajjin il Professur Temistocle Żammit, is-Sur Ġann Vassall u il Commendatur Galea, mita chitbu fuk it-Teologija, fuk il Filologija, fuk li Storja Sagra, fuk il Letteratura, fuk il Chimica, fuk il Cosmologija, fuk l'Algebra u fuk l'Astronomija?...

Tkisx l'oħrajn b'xibrec!
U biż-żejjed.

---

☞ Fl'isem tieghi u mitlub ucoll minn *Dun Paŭl* (li hu, chif jaf cull-ħadd, Monsinjur Galea, Canônçu tal Catidral) niddichjara li daŭn iż-żeŭġ articoli ma chienux joħorġu, chiecu, mita deher is-*Salib* ta nhar is-sibt li ghadda, ma chienux diġà stampati. Il *bassezzi* u il *malinjità* ta LEO NARDO u ta AULO METELLIO, imsaħħmin f'*għadira ghideb*, huma l'isbaħ difisa taghna; u il *Ħabib* ma jitcasbarx actar b'isimhom!—ID-DIRETTUR.

## IS-SEMA JATI GLORJA LILL HALLIEK TIEGHU.

L-eŭlienin attributi tas-sema huma l-cobor, it-tkankil u it-tixrid tal-gid fuk l-art: il-cobor jurina l-kaŭŭa ta' min għamlu, t-tkankil jurina l-għerf u it-tixrid tal-gid jurina t-tieba ta' dan il-Halliek. Mela s-sema jati glorja lill Ħalliek tiegħu, għaliex jecc hua jurihulna kaŭŭi, għaref u tajjeb, icun kiegħed igiegħel lilna li għandna r-ragjuni sabiex minn f'lôcu nroddu l-Alla kima u tifħir.

*Il cobor tas-sema jurina l-kaŭŭa t-Alla.* Ix-xemx li fost il-cŭiecheb hi bħal Sultan fost il-cbarat tiegħu, hi għalina xhieda ŭisk ĉara biex minnha aħna nagħarfu chemm hu tas-seŭ cbir is-sema. Difatti, għalchemm naraŭha ŭisk ĉchejcna b-għajnejna, iżda scond il-fehma ta Adriano Balbi ix-xemx hi miljun, tliet-mija u ħamsa-u-disgħin-elf u tliet-mija u erbgħa-u-għoxrin (1,395,324) darba acbar mil-art, li dina fid-daŭra tagħha għandha qŭasi ħamsa u għoxrin elf (25,000) mil; u scond l'Almanacc ta Napli x-xemx hi miljun, tliet-mija u disa' telef (1,309,000), darba acbar mil-art. Issa jecc hi hecc cbira x-xemx, għandna naħsbu illi hu bil-bosta u bil- bosta acbar is-sema li fih hi tinsab: għaliex cull ŭisa' li fis-sema hu fil għôli tax-xemx u li b-għajnejna jidher seŭŭa-seŭ daks il-cobor tax-xemx, għandu jcun daksha cbir; għalhecc billi il-ŭisa' li ilaħħak il-ŭisa' tax-xemx, fil-għadd hu bil-bosta u bil-bosta cbir, jaħtieġ li s-sema hu ŭisk actar cbir mix-xemx. B-dan li għedna fuk il-cobor tas-sema, ma għamilniex ħaġ'oħra ħlief tajna idija l-iżjed ĉchejcna ta' dan il-cobor; għaliex chif neħilsu jecc nokogħdu ngħidu dac li l-astronimi għidu fuk il cobor tal *pjaneti*, tal-*cometi*, tas-*satelliti* u tal *cŭiecheb fissi* li għal cobor tagħhom jissejħu cŭiecheb tal eŭŭel classi, tat-tieni classi, tat-tielet classi u hecc jibkgħu sejjrin? Mela, la darba s-sema hu tant cbir, ma jistax ma icunx kaŭŭi u potenti dac li għaraf jagħmlu; għaliex, jecc biex ŭieħed jagħmel semplici gifen, ngħidu aħna, jaħtieġ li hu icollu l-ħila li jagħmlu, mela bil-fors li chellu u għandu kaŭŭa u putenza cbira min għamel das-sema tant cbir u ordnat fil-cobor tiegħu.

*It-tkankil tas-sema jurina l-għerf tal Halliek tiegħu.* Biex naraŭ chemm hu s-sema ħafif fit-tkankil tiegħu, l-eŭŭel nett immorru nfaccru dic is-sabiħa *cometa* ta' Hally li fukha qŭasi tliet snin ilu cull-ħadd chien jitħaddet u biha chien mistgħaġeb. Dina l-*cometa*, li tidher cull 76 sena, f-cull seconda ta minuta tiġri iżied minn ħames-mit (500) chilometru:(*) u dan il-giri ma hu xejn ħada dac tal *pjaneti*, għaliex, scond xi astronmi, Mercurju, mkiegħed fl-acbar għôli tiegħu, f-siegħa jiġri iżjed minn ħdax il-miljun mil, Venere iżjed minn tlittax, Marte iżjed minn tnejn-u-għoxrin, Giove iżjed minn ŭieħed-u-ħamsin, Saturnu iżjed ucoll minn sebgħa-u-disgħin. Ankas dan il-giri ma hu xejn ħada dac ta xi *cŭiecheb* li huma fl-*ecŭatur*, għaliex xi uħud minn daŭn f-siegħa jagħmlu mitejn u erbgħa-u-sebgħin miljun, tliet-mija-u-tmenin elf u ħames-mit mil (2,274,380,500), u f-seconda ta minuta jiġru sitt-mija u ŭieħed-u-tlietin-elf, tmien-mija u sebgħa-u-tmenin (631,887) mil. E. F.

(*Jissocta*)

(*) *Chilometru* jigifieri *elf metru*; cull *metru* igib *nofs kasba* nieksa *x'erba' ti sŭaba*. Ħames mit chilometru igibu xi 370 mil inglizi. ID-DIREZZJONI.

## Il Patri Majjistru Nicola Farrugia

TA SANTU ŬISTIN.

Ir-Reverendi Patrijet Agustinjani, li, seŭŭa ghall ħrara taħħom fid-dmirijet tar-Religjon mal Poplu u ghall ġabra taħħom infushom fil Cunvent u fil Cnisja, chif ucoll ghall gid cbir li jaghmlu b'li Schejjel miftuħa b'xejn ghall fokra u ghas-sodiżża tal-ghageb li biha isiru il festi taħħom, minn dejjem chellhom il kima u l'imħabba, haŭn il Belt, ta cull-min jaf jaħsibha; nistghu nghidu ucoll li huma taŭ f'cull żmien nies ghorrief lill Cnisja u lill Patrja. Mita, biex ma noħorġux minn żmienna, nsemmu il Monsinjur Micallef, Arci-Iskof ta Pisa, li ghoġob ll'Alla jiġbru mieghu, kâsir il ghomor, x'ħin chien ŭasal biex isir Cardinal—u l'Arci-Iskof Pace-Fornu, li ismu il Maltin ghadhom ma jistghux isemmuħ bla ma ibiercuħ bl'art u il baħar, bħala mera ta chif ghandhom icunu il Capijet tal Cnisja—u Monsinjur Camilleri, Iskof ta Ghaŭdex u ġaŭhra mill'actar għônja tal Cleru Cattolicu—u maħħom il Patri-Majjistri Pulicin, Cilia u Żammit, tliet colonni tal gherf u tat-tieba—dan tal aħħar mibchi, bħal biċċa ghażiża minn kalbu, mil Cleru l'iżjed ghôli ta Ruma—chif ucoll il Majjistru Muscat, żina tal Ordni tieghu, ħaj u mimli bil ghomor—ghal fejn nghidu actar?

Issa, minn ftit snin il-haŭn, kieghed jidher fuk il pulptu il Majjistru Farrugia, li, miġbur fis-schiet tal Cunvent u moghti ghall'istudju bla serħ tal gherf u tal ilsna, chien donnu moħbi mid-dinja (chif iħobbu jaghmlu il ghorrief Agustinjani—u min jaf mil krib l'Iskof Camilleri u il Majjistru Żammit, jista ighidu).

Niftacru mita, darba, dħalna *Santu-Ŭistin* biex nisimghu kuddiesa u sibna fuk il pulptu Patri jippriedca bit-Taljan, li ma ħalliniex nitħarrcu iżjed minn kuddiemu kabel ma niżel u ghad li staksejna x'jismu lil chemm il ŭieħed ħadd ma gharaf ighidilna. Il Cheŭcba ma chienetx ġdida, imma chienet ghadha m'hix micxufa!

Dac il Predicatur, li hu Mghallem tat-Teologija u jaf bit-Taljan u bl'Ingliż bħalma jaf bil Malti, biex ma nokoghdux nsemmu chemm ilsna oħra ghandu cunfidenza maħħom, deher issa fuk il pulptu ta *San-Paŭl*, fejn ghamel il panigircu tan-Naŭfragju, kuddiem l'Arci-Iskof ta Malta u l'Aŭsiljarju tieghu, mismuħ mill'aħjar nies tal Cleru u Seculari: u, bla tlellix fieraħ, bla dakk ta tnabar, imma bil *Ctieb tal Appostli* u b'li *Slorja ta Malta* imsammrin f'moħħu—u, fuk collox, bil kaŭŭa tar-ragjunar tieghu—sgur mil lingŭa u mil chelma—mixghul bl'imħabba tal art fejn tŭieled (l'eŭŭel ħaġa li tinħtieġ fil Panigircu tan-Naŭfragju)—niseġ tifħir ghôli lill'*Appostlu tal Gżira* u lill *Gżira tal Appostlu*, f'siegha u qŭart li ghaddeŭ bħal minuta.

Li ma daŭc iż-żeŭġ Iskfijet, chien hemm ieħor jisimghu—l'Iskof Palunko—chien ikatta il ctieb li ħareġ mita ħolom li in-Naŭfragju ta San Paŭl ġara Mileda.

## Ma dûar il Gżira.

Nitolbu maħfra lis-Sur Carmelu Tanti, mil Belt, li ma gibniex ismu ma daŭc li ŭieġbu tajjeb ghall *Mistoksija* tal *Habib* tal erbgha ta frar, ghad li hu baghat ir-risposta fil ħin: il ħtija biċċa tieghu u biċċa ta min dâm ma tâna l'ittra f'idejna. Il ħtija tieghu hi li, f'lôc ma chiteb lid-Direttur tal *Habib*, chif chien imissu u chif ŭiddibna bosta drabi, chiteb lill' Amministratur. Ma-dancollu, donnha inkas il *Posta* ma tifhem x'in huma Direttur u Amministratur ta gażetta: u ilna nħanbku ghal-xejn b'din il ħrafa li dac li ghandu imur ghand l'Amministratur jigi ghandna u dac li ghandu jigi ghandna imur ghand l'Amministratur. Ma nistghux nifthemu darba ghal-dejjem?...

—Is-Sur Salv Vella, li jokghod Bormla, it-triek ta San Paŭl, numru 50 — talabna nħabbru li hu jixtri bolli ta Malta ta cull prezz, barra minn tas-sitt ħabbiet u tat-tlieta.

—Ŭieħed mil Karrejja taghna baghat ighemgmilna li, fil ghodŭiet tal ħmistax il sibt tal Madonna ta Pompej, li dejjem isiru b'devozzjoni cbira, il Cnisja tal Giżŭiti tcun fid-dlam ŭisk; u ħadd ma jista jara jakra biex jithejja ghat-Tkarbin u irodd il ħajr ta ŭara, fil ŭakt li dic il Cnisja ghandha il *luce elettrica* u il Gvern mhux sejjer ilum lil min jixghelha ghall bżonn bħal dac.

—Niżżu-ħajr lil min baghtilna il poeżija li chiteb is-Sur V. Vassallo ghall festa tan-Naŭfraġju ta San Paŭl—żeŭġ *Strofi Decasillabi* sbieħ tas-seŭ. Nifirħu lill Chittieb taħħom.

—Ghall *Habib*, imbaghd, ŭaslulna żeŭġ poeżiji tŭal, li nixtiekuhom jiġu f'idejn min ghandna f'rasna, biex jitghallem minnhom x'in hu il Malti, mita ŭieħed icun jafu tas-seŭ! Ghad li jieħdulna ŭisa ŭisk, ingibuhom ŭaħda il gimgha id-dieħla u l'oħra il gimgha ta ŭara, ghax m'humiex ta min jitlifhom. Chitbuhom is-Sinjuri *Antonio Cremona*, Spettur Sanitarju, u *G. Micallef*, Student tal Matricola: żeŭġ Chittieba (ma nghajjtulhomx *Poeti* ghax aħna xhaħ ŭisk ghal din il chelma u jecc ighiduha lilna nieħdu fastidju, ghad li haŭn min jitlakha chif giè giè), żeŭġ Chittieba żghażaħ li jafu tajjeb nett il *Prosodija*, u ghandhom maħżunin f'moħħom studji sôdi u fuk collox Alla tahom il ġênju tal Poeżija.

—Rajna daŭn il ġranet l'eŭŭel xoghol bil pastell taż-żaghżuħ Giuseppi Mifsud-Bonnici, bin is-Sur Ġann, ir-rebbieħ tal Concors taghna ghall'aħjar poeżija—*Ŭiċċ ta mara—studju*: u kuddiem dic il ħleŭŭa ta coluri fuk daŭc il linji rotob u sguri, ħaġa ŭaħda ma emminniex, li hu l'eŭŭel xoghol tieghu. Imma hecc hu. Nifirħulu b'kalbna collha.

## IT-TIFCHIRA
## tan-Naûfragju ta San Paûl.

O San Paŭl, Appostlu mkaddes,
inti gejt f'din l'art maltija,
ghax tempesta haŭn tefghetec
u tefghetec b'tant tbatija.

Rajna gej mircheb imfarrac,
bil kdusija u t'Alla id-daŭl:
irroccat mal blat ta Malta,
rema fukna 'l cbir San Paŭl.

Ragel gharef daksec min?
Gejt biex teħles il Maltin.

B'dac il cliem ghażiż u ħelu,
int ghamiltna nisranin,
b'dac il gherf illi tac Alla,
inti klibt l'eghref bniedmin.

Chif chien Alla kaleb lilec,
int gejt takleb lilna ucoll:
ghalhecc aħna b'Gesù nemmnu,
u min jista dan iħoll?

Ragel gharef u tant cbir,
int ghamilt tieghec id-dmir.

Sa tas-sriep is-semm kriedtilna,
li minn jaf chemm nies meddeŭ:
iżda mrażżna minn kdusitec
anche 's-sriep lilec obdeŭ.

Jen l'imħabba li lejc ghandi
nibka nżomma sa ma mmut:
lilec nitlob biex Pajjisi
ma jibkax actar batut.

Ghadni ċchejchen, tini id-daŭl,
o Missieri, cbir San Paŭl.

GINU
(tifel ta tlittax il sena).

# Chitbulna:—

I.

Fit-13 ta Frar, 1913.

Sur Direttur tal maħbub *Habib* taghna,

Fin-numru 53 ta da'l Periodicu, krajt dic l'ittra ta *Sacerdot*; u ghoġbitni mux ftit. Sabiħa bil bosta hia l'idea, li gharraf ŭieħed fil *Gazetta di Malta*, fuk li jixrak li tinbena Cnisja bħala tifchira tal Cungress Eŭcaristicu, li sejjer isir haŭn Malta. Compla imbaghad isebbaħħa bil ħsieb tieghu *Sacerdot*, li kâl chif u fejn jixrak li titŭakkaf din it-Tifchira ghażiża. Ir-ragjunijet li dana gieb huma collha hecc ċari u ta kaŭŭa, li ħadd ma jista imerihom. L'akŭa tfixchil, li jista icun hemm, hua jecc il lôc jatix biex il Cnisja tas-Sagramentini fi Strada Cristoforo titcabbar b'maniera li tcun tista tasa numru seŭŭa ta nies.

Tas-seŭ li din il Cnisja, barra milli hia żghira iż-żejjed, ftit jeŭ xein takbel mal fehma, li ghaliha giet mibnija, billi tinsab imŭarrba, u, ghalhecc in-nofs, jecc mux iżjed, tan-nies ma jafux biha; imma, x'ghandu ŭieħed jaghmel, già la darba ma jistax icun (u nghid jecc jistax icun!) li tinbena Cnisja, jecc mux fil kalba tal Belt, ghall'inkas fil kabda; u, b'hecc, tcun actar maghrufa u milħuka minn Maltin u minn barranin, bla ħadd ma isib tfixchil jeŭ scużi li ighaddi fiha, biex hemm jati il ħaraġ tal kima lis-Sultan tas-Smeŭŭiet, li hemm icun kieghed ghal tal apposta, jistennieħ.

Jeŭ hecc jeŭ hecc, din it-Tifchira jixrak issir, hemm bżonn li issir. Din ma tcunx biss tifchira tal Congress Eŭcaristicu, imma ucoll Congress Eŭcaristicu bla xejn ma jakta. Ghal fejn isiru u ghal fejn jisejjħu il Congressi Eŭcaristici?

Ħaġa sabiħa li issir dina it-Tifchira: forsi xi uħud ighidu: il kalb trid, iżda jonksu il meżżi, actar u actar fiż-żmienijet li aħna. Jecc tas-seŭ il kalb trid, collox jista isir. Bic-ċocan collu taghna, bil ghacs collu li fiħ ninsabu, saru u kieghdin isiru ħafna ħŭejjeġ. U il ghaliex? Ghaliex il kalb *jeŭ il pica* trid. Jena ma inhiex capaci biex nati il pariri; haŭn, iżda, min jista jatihom. Chiecu il Cumitat tal Congress Eŭcaristicu jaħseb sa min issa ghal din it-Tifchira? Min jaf minn fost il ktajja ta strangjeri, li haŭna jiġu ghall Congress, jistghux jinsabu minn daŭc l'erŭieħ tajjba, li chiecu ŭieħed jgharrafhom b'dan il ħsieb, jatu xi ghajnunijet? U ħutna il Maltin mxerrdin f'bosta pajjiżi ma chienux ighinu ucoll xi lakxa? U ma haŭnx Malta min, jecc irid, chien jista jaghmel, nghidu issa fiż-żmien presenti, bħalma ghamel is-Sur Balbi? Imbaghd, fuk collox, nghidu li jecc icun hemm tas-seŭ il ħerka, il mezzi ghandhom jiġu. Jonksu jeŭŭilla il mezzi lill DAC, li ghall'imħabba taghna irid jokghod maghna realment presenti, x'ħin taħt ix-xbiħa tal iċchen farca-ħobż jaħbi il cobor minghajr kies tal Maestà Divina tieghu, li timla is-Smeŭŭiet u l'art?....

CAPPILLAN
*ħabib veru tal* HABIB.

Xi dnub li, din id-darba, dan il CAPPILLAN *ħabib taghna* ma taniex li naghmlu ismu! Il karrejja tal Malti ghandhom bir-ragjun collu fidi cbira fil chitba tieghu: u ghal hecc chien jaghmel ŭisk actar gid b'din l'ittra.

ID-DIREZZJONI.

Mill LUCERNA TAL HAJJA. — 46. Alla iŭigħed il premju lil min jibda tajjeb, imma jatiħ lil min jispiċċa tajjeb.

II.

Mil Belt.
Fil 15 ta Frar.

*Habib* taghna,

chif sirna x'ŭaħda din! Ghâdna *Cattolici* jeŭ ma ghâdniex? Nafu, bħala Cattolici, jeŭ ma nafux li ghandna nħârsu il *Precetti tal Cnisja*?... Ghaliex nisimghu il kuddies, u inkerru u naghmlu il *Precett* fil Ghid il cbir, mita mbaghd nieclu il laħam f'Ras ir-Randan, ma nsumux u inniġġsu bil ġobon nhar il gimgha tal *Quattru-tempri* tax-xitŭa (ilbieraħ)?...M'humiex, mela, *Precetti tal Cnisja* xorta ŭaħda?... M'hux li stess dnub mejjet naghmlu jecc nieclu biċċa dundian f'Ras ir-Randan jeŭ nhar il Gimgha il Cbira? Jecc ma nisimghux kuddies nhar il Ghid jeŭ ma nsumux lejlietu?... Il *persuni puliti* ghall'inkas imisshom ghandhom ftit tal *bon sens*, ftit tal *logica*: imma donnhom actar ibatu bil *gula*, bir-*rispetti umani* u bil *fanfarunati*, inchella bis-*serietà* u bil *carattru*; ghax chiecu ighidu lilhom infushom: «Aħna *persuni educati*, aħna *Cattolici*: mela, jaħtieġ li żakkna ma ticcmandaħiex, bħalma ticcmanda lil....*certi annimali*; mela, b'daŭn il Protestanti collha ma dŭarna, jaħtieġ natu esempju tar-*Religjon*, tas-*serietà* u tal *educazzjoni* taghna ...» Minn ghalija, aħjar ighiduli dac u dic kalbu *Protestanti*, jeŭ dac u dic *Cattolici li ma josservaŭx il Precetti tal Cnisja Cattolica*! Daŭc li kalbu *Protestanti*, nghidilhom *disgrazzjati*; daŭn l'oħrajn nghidilhom *imbecilli*!

Veru jeŭ m'hux veru li, fiż-żeŭġ Veljuni, nhar Ras ir-Randan fil-ghodu, jigifieri minn nofs il lejl ta nhar it-tlieta sa 'l ħamsa ta nhar l'erbgha, *persuni rispettabbli* tal aħjar *Società*, irgiel u nisa—saħansitra Sinjurini minn daŭc li taraħom jaghmlu is-Sibtijet tal Madonna ta Pompej u cull nhar t'erbgha ma iħallux il *Vìsta tal Carmnu* — bakghu jeclu id-dundiani u ir-*roast beef* bħalli-chiecu-xejn? Veru jeŭ m'hux veru li bosta *Protestanti* serji tcażaŭ bihom?....Inħallu a parti li *scandlu* u il *cattiva figura*: imma, l'eŭŭel l'*obbligazzjoni* (jigifieri il *Precett*, f'dan il caż); u imbaghd id-*devozzjoni* — ighid il proverbju!

Kaluli ucoll li ilbieraħ, ġurnata ta *magru strett*, certa *Aŭtorità* ordnat (bħala *Aŭtorità*, mhux bħala *persuna privata*) ghaliha u ghal min chien *obbligat* jippranza maħħa *ravjulata*: imma fuk dan ghad m'inhiex sgur u forsi narġa nictiblec!

Collni tieghec,
G. G.

## Ma dûar id-dinja.

*Congress Eŭcaristicu* — Is-Società Lubin ghal daŭc li fi ħsiebhom jiġu ghall Congress Eŭcaristicu f'Malta criet jott mill'isbaħ, tŭil 455 pied, u ta 8529 tunnellata.—Id-daŭra li fi ħsiebhom jaghmlu hi: Marsilja, Genŭa, Napli, Pompej, Palermu, Messina, Taormina, Catanja, Siracusa, Malta, Susa, Kairouan, Tunes, Cartaġni, Argiel u Marsilja.

*Ruma*—L'aħbar, li xerrdu bosta ġurnali, li il Papa hu marid, m'hix minnha, ghaliex nhar il Candlora, hu bħas-soltu u bl'istess solennità laka daŭc collha li minn dejjem joffrulu ix-xemgha, bħalma huma Capitoli, Capijet ta Religiusi, ir-Rappresentat tal Gran Mastru ta Malta u oħrajn.

—Il Papa b'*Motu Propriu*, billi ir-Revmu. Patri Frangiscu M. Dall'Olio, General tal Conventŭali, jinsab marid, sa chemm ifiek, innomina minn f'locu, bit-titolu ta Vigarju Generali, ir-Rvmu. Patri Vittoriu M. Sottaz, bil facultajjet collha.

—Sa issa il Gŭardja Nobbli tal Papa chienet tigi magħżula minn fost in-Nobbli ta Ruma u li Stati Rumani, issa il Papa ordna li jistghu ucoll jiġu magħżula minn pajjisi oħra, b'obbligu li imorru Ruma, ghażżmien li imisshom ghassa.

—Ghall cbira sħana li tcun Ruma fix-xhur ta Lulju u Aŭissu, il Papa ordna li l'Anniversarju tal meŭt tal Papa Leŭni Tlittax min f'lôc fil 20 ta Lulju isir fil 5 ta Novembru, u il festa tal incoronazzjoni tieghu, minn f'lôc fid-9 ta Aŭissu issir fis-16 ta Novembru, jum li fiħ jaka l'anniversarju tal consagrazzjoni tieghu ta Iskof.

—Spanja, li chienet ırtirat l'Ambaxxatur taħħa minn ghand il Papa, issa raġghet baghtet ieħor, fil persuna ta Senvo Calbelton, li già deher kuddiem il Papa u daħal fl'ufficju. Dina hi aħbar ta ferħ cbir, ghaliex hecc nittamaŭ li il ħŭejjeġ tal Cnisja fi Spanja imorru aħjar.

—Il Gvern Portughiż ghadu chiefer mal Cattolici.—Hu checċa il Patrijet Faangiscani mis-sabiħ Cunvent ta Palazzŭolu li jati fuk il lâg ta Albanu, ħejn Ruma, ghaliex chien proprietà tal Gvern.

—Il gimgha li ħarget, 11 tax-xahar, mietiet is-Sinjurina Rosa Sarto, oħt il Papa il cbira; chellha 77 sena u chienet il maħbuba tal familja. L'aħbar il Papa ircieviha mis-Segretarju Privat tieghu, Monsinjur Bressan. Ghalchemm chien jistenniha, ghaliex chienet ilha ġranet agonizzanti, il Papa tħassarha ħafna; iżda ŭara li baghat li stess Segretarju sabiex isabbar il ħutu l'oħra, inġabar f'camartu u dâm żmien tŭil jitlob ghaliha.

*Aŭstrja*—Il gimgha li ghaddiet miet il Cardinal Nagl, Arciskof ta Vienna, ŭara marda kasira.—Chellu 57 sena, tŭieled fis-26 ta Novembru 1855: fil 1902, giè consagrat Iskof ta Triesti, u fid-19 ta Jannar 1911, ŭara ftit li ghadda Arciskof ta Vienna, il Papa Piju Ghaxra ghollieħ fid-dinjità ta Cardinal.

*Inghilterra*—Ir-Re, fil 11 tax-xahar, mar Liverpool ghall'inaŭgurazzjoni (żanżin) ta dock, li giè imsemmi *Gladstone*.

—Il gimgha li ghaddiet, ma tûl il lejl, żeŭġ serri ta orchidee (pianti rari u prezjusi) geŭ imchissra u il pianti imfarrca: jissopponu li dan giè maghmul mis-suffragisti, il ħsara hi ta eluf ta liri.

*Il Gŭerra*—Ŭara li it-trattattivi tal paci bejn li Stati tal Balcani u it-Toroc geŭ micsura, il Bulgari, malli ghalak iż-żmien li chienu taŭ lit-Toroc sabiex jirrendu, bdeŭ il bombardament ta Adrianopli, li ghalchemm irceviet ħsara cbira, ghadha ma ŭakghetx. Combattimenti ucoll oħra chien hemm Ċatalgja u Galjapoli: il banda u l'oħra chellhom telfa ta nies cbira, ghalchemm it-Toroc chellhom telfa bil bosta acbar.—Il Bulgari minn fuk l'arjoplani kieghdin jixħtu bombi fuk it-Toroc, bi ħsara cbira taħħom.—Scutari giet attaccata mis-Serbi u mil Montenegrini; daŭn imbaghd gharrku żeŭġ vapuri toroc fil lôc. Il Montenegrini fil battalja ta Bardanjoli tilfu 2500 ruħ, u it-Toroc 4000, bejn mejjtin u feruti. Il fregata torca *Assari Teufik* marret fuk l'ert f'Midja, u mentri inbaghtu vapuri biex jassistuha, il Bulgari kieghdin jibbumbardaħħa mill'art.

*Canada*—Il progett tal Gvern li jonfok 35 miljun dollaru biex jirregala tliet *Dreadnoughts* lill Flotta Ingliża ghadda bil maġġjuranza ta 32 vôt.

L. M. C. G.

Id-**dâdi** tal *Brodu Maggi* jinxtraŭ minn ghand *Ta-Duminc*, mil *Canova*, minn ghand *Vassall* (ta taħt il *Club*) u mil ħŭienet it-tajjbin l'oħra.

TIFCHIRA

## tal Cungress Eŭcaristicu ta Malta

April—1913.

TALBA

maghmula mil Cardinal Capecelatru
(ftit ġranet kabel ma miet)
(*)

O Tŭajjeb Gesù, o Missier li tħobb l'erŭieħ bla kies, aħna f'kasir żmien sejjrin inkaddsu Cungress Eŭcaristicu biex natu gieħ lil dac il ghageb cbir tal fidi u tal imħabba, li hu Int in-nifsec, maghmul ichel u sacrificcju li ħadd ma jista ifissru. Iżda, la minghajrec inkas nafu naghmlu ħsieb tajjeb u tar-riżk, chif nistghu inŭettkuħ li b'xi ħjel icun jixrak Lilec, jecc Inti ma tghiniex?

Ejja, mela, Int, Daŭl u Imħabba bla tmiem, fi rŭieħna. Saltan fina u aghmel li dan il Cungress irodd cotra ta fidi u ta mħabba ħaddiema.

U il fidi u l'imħabba ma joctrux fina biss, imma fl'insara collha. Ghax, jecc aħna nemmnu actar bid-dehen u inħobbu iżjed bil ħrara, icollna ta-bil-ħakk f'din id-dinja ucoll is-sliema tieghec, li bil-ŭisk nixtieku, u imbaghd fid-dinja l'oħra naraŭ u inħobbu is-Seŭŭa, is-Sabiħ u it-Tajjeb ta dejjem.

(*Mit ġurnata Indulgenza, moghtija b'Degriet tal Arci-Iskof ta Malta, fis-7 ta Jannar 1913.*)

TALBA LILL MADONNA
(*biex tissieħeb mal oħra*)

O Xbejba Marija, Sidtna tas-Sagrament Imkaddes, gieħ tal insara, ferħ tal Cnisja collha u saħħa tad-dinja, itlob ghalina u kankal f'cull nisrani il gibda lejn it-Tkarbin Imkaddes, ħalli icun jistħokkilna li culljum nilkghuħ geŭŭa sidirna.

(*Il Papa Piju Ghaxra, fid-9 ta Dicembru 1906, tà tliet mit jum Indulgenza ghal cull darba li tinghad din it-talba.*)

Imprimatur.
Die 3 Jannuarii, 1913.
ALOISIUS CAN. THEOL. ATTARD, *Vic. Gen.*

(*) Din it-*Talba* giet makluba bil Malti mid-Direttur tal *Habib* ghar-Reverendu Canonicu Dun Salv Tartaglia (Sacerdot mimli bil gherf u bil ħrara tar-Religjon, chif ucoll bl'imħabba tal Pajjiż u tal Poplu) li giebilha l'Indulgenza tal Arci-Iskof u bi ħsiebu ixerridha ma Malta u Ghaŭdex.

Fl'eŭŭel ta frar, mietet, il Ħamrun, ta 84 sena, is-Sinjurina

VITTORJA XORTINU,

li ghamlet 31 sena Majjistra f'li Scola tal Gvern, is-Siggieŭi u ħaż-Żebbuġ, fejn chienet imsemmija ŭisk u maħbuba ghall'imgieba u il ħleŭŭa taħħa, chif ucoll ghall ħila bħala Majjistra u ghall carità mal fokra.

Chienet iz-zija tal Professur Pisani, Pittur u Mghallem tad-disinn mill'actar maghrufa; u taż-żeŭġ Sculturi Frangiscu u Toninu Xortinu.

Alla jatiha il Genna. C. S.

MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

**Mistoksija.**

Liema hi dic in-nota li bil maklub u bis-seŭŭa issir *in-nisel ta collox*?....

S. S.

L'aħħar *Xarada* chienet:

*Żir-ma*—Żirma.

Giebuha tajjeb: mil Belt, ir-Reverendu Dun G. G. u is-Sur G. Sciberras. Ħadd actar. Ftit!